**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 11 ta' Dicembru 2019.**

**<u>Rikors nru: 5/2016 AGV;</u>**

**ABC (ID nru; 344315 L)**

**Vs**

**DBC (ID nru: 66074M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur prezentat fis-26 ta' Settembru 2019, fejn ppermetta u pprezenta s-segwenti;

1. Illi sew fil-kawza fl-ismijiet premessi u anka fil-kawza rikonvenzjonali maghmula mil-esponenti, dina l-Onorabbli Qorti, qed tigi mitluba tippronunzja is-seperazzjoni personali bejn l-kontendenti konjugi BC.
2. Ili jirrizulta mill-provi migbura f' dil-kawza, illi l-kontendenti ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta' jew perjodi li jammontaw ghal aktar minn 4 snin

matul il-hames snin minnufih precedenti, kif mahsub mid-dispoizzjonijiet tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
4. Illi l-kontendenti jew ahjar l-attrici u t-tifel minuri tal-istess kontendenti qed jircievu manteniment ordnat mill-Qorti fil-kors ta' dil-kawza.
5. Illi ghalekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi artikolu 66 B tal-Kap. 16 huma sodisfatti.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi a tenur tad-disposizzjnijiet tal-artikolu 66 F tal-Kap. 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja is-smiegh tal-paritijiet, kif mahsub fl-istess artikolu, tordna illi sew it-talba maghmula mil-attirci ghas-separazzjoni, u kif ukoll l-istess talba ghal separazzjoni maghmula mil-esponenti rikonvenzjonali, jitqiesu minflok bhala talbiet ghall-pronunzjament tad-divorzju.

Rat il-verbal tas-seduta ta' llum, fejn il-partijiet iddikjaraw li qed icedu t-talbiet taghhom fil-konfront ta' xulxin, salv ghad-dikjarazzjoni tal-hall taz-zwieg taghhom.

Rat li, ghalhekk, il-partijiet jissoddisfaw ir-rekwiziti tal-ligi ghall-ghoti tad-divorzju bejniethom.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**